12 ta' Ġunju, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Mariano Sarè *versus* Antonio Ellul et.**

**Appalt — Kondizzjoni Riżolutiva — Rinunzja — Obligazzjoni — Terminu — Kostituzzjoni in Mora — Mandat — Forza Maġġuri — Każ Fortuwitu — Art. 1734, 1111, 1173 (2), 1176 u 1177 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni ekwitativa tal-liġi li takkorda lill-appaltatur id-dritt għall-ħlas tax-xogħol li jkun laħaq għamel fl-eżekuzzjoni ta' l-appalt u għal kumpens skond il-profitti li kien jagħmel mill-eżekuzzjoni ta dak l-appalt, meta l-appaltant ixolji l-appalt u jwaqqaf lill-appaltatur mill-kontinwazzjoni tax-xogħol, tippresupponi reċess arbitrarju ta' l-appaltant mill-kuntratt ta' l-appalt għal raġunijiet personali jew ta' interess li huwa mhux obligat jispjegahom jew jiġġustifika l-leġittimità tagħhom. Għall-kuntrarju, meta r-reċess ta' l-appaltant huwa bażat fuq l-inadempjenza ta' l-appaltatur, allura mhix applikabili dik id-dispożizzjoni ekwitativa, iżda jissubentraw il-prinċipji komuni relativi għar-riżoluzzjoni tal-kuntratti. Fejn it-tribunal għandu jfittex jekk kienx hemm dik l-inadempjenza.*

*Imma jekk l-appaltatur ikun irrinunzja għall-appalt, huwa ma jistax jinvoka favur tiegħu dik id-dispożizzjoni ekwitativa.*

*Billi fil-ftehim ta' l-appalt ma jkunx ġie stipulat żmien li fih kellu jitlesta x-xogħol, dana ma jfisserx illi l-appaltatur għandu d-dritt ilesti x-xogħol meta jrid hu; iżda jfisser biss li l-appaltant għandu d-dmir li jikkostitwixxi in mora lill-appaltatur, billi jagħtih żmien raġjonevoli u proporzjonat biex jagħmel ix-xogħol.*

*Id-debitur jibqa' dejjem responsabili għall-inadempiment ta' l-obligazzjoni minnu assunta sakemm ma jippruvawx li l-inadempiment kien dovut għal kawża estranea, forza maġġuri jew każ fortuwitu; b'mod li hu jibqa' dejjem tenut jekk l-obligazzjoni ma ġietx adempita bi ħtija tiegħu jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu. Għaldaqstant l-appaltatur huwa responsabili għall-ħtijiet tal-persuni li huwa jqabbad fl-eżekuzzjoni tal-mandat; għax huwa mandant ta' dawk il-persuni, u bħala mandant huwa tenut għall-ħtijiet tal-mandatarji tiegħu.*

*L-appalt huwa kuntratt sinallagmatiku, bilaterali, fejn il-kondizzjoni rizolutiva hija dejjem sottintiża għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obligazzjonijiet tagħha; iżda l-kuntratt ma jiġix riżolut "ipso jure", imma b'ministeru tal-Qorti li, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, tista' tagħti żmien raġjonevoli lid-debitur għall-eżekuzzjoni ta' l-obligi tiegħu; salvi dispożizzjonijiet speċjali tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ. Għaldaqstant l-appaltant ma jistax "marte proprio" jxolji l-appalt fuq l-allegazzjoni ta' inadempjenza ta' l-appaltatur, mingħajr ma jirrikorri lill-Qorti, li tista', fil-każ li jidhrilha xieraq, tagħti lill-appaltatur terminu raġjonevoli għall-eżekuzzjoni ta' l-appalt. Imma l-appaltant jibqa' dejjem liberu li jxolji l-appalt bis-saħħa tad-dispożizzjoni ekwitativa fuq imsemmija. U għalhekk, jekk l-appaltant ikun xolja l-appalt fuq allegata inadempjenza ta' l-appaltatur mingħajr ma jkun irrikorra lill-Qorti fis-sens fuq imfisser, l-appalt jibqa' xjolt bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni ekwitativa; biss l-appaltant jibqa tenut li jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu li dan ikun għamel, flimkien ma' somma li tiġi fissata mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi, li ma għandhiex però tkun tissupera l-profitti li l-appaltatur seta' jrrikava mill-appalt kieku eżegwieh.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuti, proprjetarji tal-fondi fin-numri 9, 10 u 11 Strada Kapuċċini, Ħaż-Żabbar, ikkonċedew lill-instant l-appalt għal xogħol ta' bini u injam, tibjid u tikħil, ta' l-istess fondi, skond skrittura privata hawn unita (dok. A), bil-prezz illi l-War Damage Commission tagħti għall-istess xogħol; peress illi l-instant kien ta bidu għal dan ix-xogħol; u peress illi l-konvenuti, minn rajhom u abużivament, taw inkariku susseġwenti għall-istess xogħol lil persuni oħra, li, malgrado l-protest ta' l-instant tal-4 ta' April 1950, ġew ukoll ordnati biex ikomplu l-istess xogħol mill-konvenuti; u illi, skond l-istess obligazzjoni, il-konvenuti kienu obligaw ruħhom li jħallsu bħala rigal lill-instant l-ammont ta' £30 mat-tlestija tax-xogħol meħtieġ; talab, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jiġu mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, illi (1) jiġi likwidat il-valur tax-xogħol ġa magħmul mill-instant fix-xogħol fuq imsemmi; (2) jiġi likwidat, in linea ta' riżarċiment ta' danni, l-ammont illi kien jaqla' l-attur fil-

kompletament ta' l-imsemmi appalt mogħti lilu, inkluż l-ammont lilu miwiegħed bħala rigal kif fuq imsemmi; (3) il-konvenuti jiġu kundannati, individwalment u "in solidum" bejniethom, li jħallsu mill-instant l-ammonti li jirriżultaw hekk likwidati għax-xogħlijiet minnu ġa magħmula u għal dawk li huwa ġie abużivament prekluż li jeżegwixxi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ta' l-4 ta' April 1950 u dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-28 ta' Ġunju 1950, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' Novembru 1952, li biha ġiet miċħuda t-tieni domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; ġiet milqugħa l-ewwel domanda ta' l-attur, u għal dan il-fini ġie nominat bħala perit il-Professur Robert V. Galea, A.I.C., O.B.E., anki jekk ġa għandu żewġ perizji, peress li n-numru ta' periti simili hu limitat, biex jillikwida l-kumpens dovut lill-attur għax-xogħol li talvolta għamel fil-fondi deskritti fiċ-ċitazzjoni, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ, u tagħtu l-fakoltajiet kollha li solitu jingħataw lill-periti, kompriża dik li jisma' x-xhieda u jagħtihom il-ġurament skond il-liġi; spejjeż riżervati; wara li kkunsidrat;

Illi qabel xejn jeħtieġ li tiġi preċizata n-natura ta' l-azzjoni li qiegħed jeżerċita l-attur, jekk ċjoè hix l-azzjoni ta' l-appaltatur kontra l-kommittent kontemplata fl-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, jew inkella l-azzjoni ordinarja li toħroġ minn kwalunkwe kuntratt, li għaliha huma applikabili r-regoli komuni f'materja ta' obligazzjoni;

Illi, "prima facie", u mill-kliem adoperat fiċ-ċitazzjoni — "li l-konvenuti minn rajhom u abużivament taw inkariku............. għal-istess xogħol lil persuni oħra" — donnu jidher li l-attur qiegħed jesperixxi l-azzjoni prevista fl-art. 1734. Iżda dan ma jidherx li hu l-każ meta wieħed jirrifletti li dina d-dispożizzjoni ekwitativa tippresupponi reċess arbitrarju tal-kommittent, għal raġunijiet personali ta' interess u ta' ċirkustanzi li tagħhom ma għandux jispjega l-motiv jew jiġġustifika l-leġittimità jew l-importanza; mentri l-konvenuti qegħdin jippretendu li r-reċess tagħhom kien kawżali, dovut għall-inadempjenza ta' l-attur; u kwantu għall-fond

numru 9-11, anki għar-rinunzja volontarja ta' l-attur. Għalhekk, ladarba r-raġuni espressa mill-konvenuti kommittenti għax-xoljiment ta' l-appalt mhix dik ekwitativa u personali kontemplata fil-liġi, jissubentraw il-prinċipji komuni relativi għar-riżoluzzjoni tal-kuntratti, fejn it-Tribunal għandu jfittex jekk kienx hemm inadempjenza mill-parti tal-kontraenti (v. Laurent, Diritto Civile, Vol. XXVI, para. 17; P.A. 30 ta' Marzu 1951 in re "Farrugia vs. Barbara");

Illi, meħuda l-azzjoni taħt dan l-aspett, ladarba l-appalt hu kuntratt sinallagmatiku, il-kondizzjoni riżolutiva f'każ ta' inadempjenza hija dejjem sottintiża (art. 1111 Kodiċi Ċivili); u għad li l-liġi ma tgħidux, id-debitur konvenut għall-eżekużżjoni tal-kuntratt għandu jkollu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-eċċezzjoni ta' l-"inadimpleti contractus", billi jopponi li l-attur hu inadempjenti; salv dejjem li jġib il-prova ta' dina l-inadempjenza (Giorgi, Obbligazioni, Vol. IV, numri 200 u 202);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konvenuti ssollevaw, barra mill-inadempjenza ta' l-attur (li sejra tkun eżaminata 'l quddiem), ir-rinunzja li hu għamel għall-appalt relativ għall-fond nru. 9 u 11. Anki hawn il-prova tinkombi lill-konvenuti;

Illi f'dana r-rigward irriżulta li għal-aħħar żminijiet tas-sena 1939 l-attur ressaq lil ċertu Michele Agius quddiem il-konvenuti biex iċedilu l-appalt, u qallu............. Dina r-rinunzja, imbagħad, tinsab sorretta minn diversi ċirkustanzi, fosthom...............;

Illi, apparti r-rinunzja għal dana l-appalt l-attur għandu kontra tiegħu l-inadempjenza. Infatti, dejjem għall-fond nru. 9-11, l-attur xejn ma kellu li jista' jimpedih fix-xogħol, u wera li jista' jagħmlu.............. Minn dana jidher li l-attur naqas mill-obbligu assunt fl-iskrittura fol. 4 li jeżegwixxi x-xogħol fi żmien raġjonevoli;

Illi, kwantu għall-fond nru. 10, il-konvenuti jeċċepixxu li mhumiex tenuti għall-osservanza tal-kuntratt, imħabba li l-attur ma għamelx ix-xogħol fi żmien raġjonevoli, skond il-patti;

Veru li fl-iskrittura ta' l-appalt ma hemmx terminu stabbilit; iżda dana ma jfisserx li l-attur għandu d-dritt li jlesti

x-xogħol meta jrid. Ifisser biss li l-konvenuti kellhom id-dmir li jikkostitwixxu lill-attur in mora, billi jagħtuh żmien proporzjonat u raġjonevoli biex jagħmel ix-xogħol. Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk l-attur ġiex kostitwit in mora fissens ta' l-art. 1173 (2) Kodiċi Ċivili, u ġiex lilu mogħti dak iż-żmien kongruwu għall-eżekuzzjoni tax-xogħol (Kollez. Vol. XXIV—I—1116, u P.A. 27 ta' Ġunju 1952 in re "Fiteni vs. Balzan");

Mill-provi rriżulta li l-konvenuti interpellaw lill-attur jesti x-xogħol żmien tliet xhur, b'ittri uffiċjali tal-11 u 15 ta' Settembru, 1947, tat-23 ta' Frar 1948, u mbagħad, bil-kontroprotest tal-11 ta' April 1950, *buma*, għall-post numru 10, illimitawlu ż-żmien għal 20 ġurnata; iżda x-xogħol baqa' *ma sarx*. Taħt dawna ċ-ċirkustanzi l-Qorti hija tal-fehma li ż-żmien mogħti lill-attur, kif ukoll dak li sadattant laħaq għadda, jikkostitwixxi terminu aktar minn raġjonevoli biex ix-xogħol isir, meta speċjalment wieħed jikkunsidra li l-attur ha l-appalt fit-28 ta' Lulju 1946;

Illi, però, l-attur jallega bħala ġustifikazzjoni l-fatt li x-xogħol ma setax isir għax l-iskeda ma ġietx preżentata lill-War Damage Commission. Skond il-liġi (art. 1176 u 1177 tal-Kodiċi Ċivili), id-debitur jibqa' dejjem responsabili sakemm ma jippruvax li l-inadempiment kien dovut għal kawża estranea, "forza maggiore", jew każ fortuwitu; b'mod li hu jibqa' dejjem tenut jekk l-obligazzjoni ma ġietx adempjuta jew ħtija tiegħu, jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu (Kollez. Vol. XXVII—I—912). Issa rriżulta li l-Professur Terreni, inkarikat mill-attur għad-direzzjoni tax-xogħol fil-*fond in kwistjoni*, kiteb lill-War Damage Commission dwar in-neċessità tat-tiswija tal-kmamar u ta' l-irdublar tal-ħajt; iżda baqa' ma għamelx l-iskeda preskritta mil-liġi;

Lanqas ma għamel dina l-iskeda l-A.I.C. Edwin England Sant Fournier, li daħal f'loku, dejjem imqabbad mill-attur; u lanqas għamilha l-aħħar perit, l-A.I.C. William Micallef, għax, kif xehed l-istess attur, "ix-xogħol kien ġa mibdi mill-Professur Terreni, u allura l-ħlas kien imiss lilu". L-attur, bħala mandant, hu responsabili għall-ħtijiet tal-mandatarji tiegħu, l-imsemmijin periti (Laurent, op. ċit., Vol. XXVII, para. 54, u Baudry, Mandato, para. 772); u peress

li r-raġuni miġjuba mhix, skond il-liġi, kapaċi biex teħles lill-attur minn kull responsabilità, huwa għandu jiġi kunsidrat bħala inadempjenti, u jġorr jbati l-konsegwenzi kollha;

Illi, ċjò non ostanti, sew jekk kien hemm rinunzja għall-appalt tal-fond nri. 9-11, sew jekk kien hemm inadempjenza għaż-żewġ fondi, fil-każ li l-attur laħaq għamel xi xogħol, il-kumpens tiegħu ma jistax jitilfu. U del resto, il-konvenuti, waqt id-dibattitu orali fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 1952, iddikjaraw li huma pronti jħallsu lill-attur ta' dak ix-xogħol li jipprova li għamel;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata kwantu għall-meritu u għall-kap ta' l-ispejjeż, u jiġi deċiż skond it-tieni domanda, bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi, skond ma jidher mill-iskrittura eżibita fil-fol. 4 tal-proċess, l-appellant obliga ruħu li jagħmel ix-xogħol hemm indikat fiż-żewġ postijiet numri 9-11 u 10 f'Capuchin Road, Żabbar, u taħt il-kondizzjonijiet anki hemm indikati, fosthom dik li l-eżekuzzjoni tax-xogħol kellha tkun taħt id-direzzjoni ta' perit għal dan l-iskop inkarikat, u kompjuta fi żmien raġjonevoli skond il-fehma ta' l-istess perit;

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-appalt fuq imsemmi relativ għall-fond nri. 9-11 ġie rinunzjat mill-appellant, u bil-kunsens tiegħu ġie mill-konvenuti appellati mogħti lil Michele Agius. Kwantu għall-fond nru. 10, l-attur kien għamel xi xogħolijiet ta' natura urġenti, iżda, għal raġuni jew oħra, ma kompliex l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet l-oħra skond l-obligu minnu assunt bl-imsemmija skrittura; u l-konvenuti, wara li għalxejn interpellawh diversi drabi biex ilesti dawk x-xogħolijiet fi żmien determinat, taw l-appalt lil ħaddieħor;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kuntratti bilaterali, bħalma hu dak in kwistjoni, il-kondizzjoni riżolutiva hija dejjem sottintiża għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obligazzjoni tagħha; iżda f'dan il-każ il-kuntratt ma jiġix riżolut "ipso jure", imma b'ministeru tal-Qorti, li, meħudin iċ-ċirkustanzi kollha, tista'

taghti żmien raġjonevoli lid-debitur għall-eżekuzzjoni ta' l-obligu tiegħu, salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ (art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili). Skond dina d-dispożizzjoni tal-liġi, il-konvenuti ma setgħux "marte proprio" jirriżolvu l-appalt mogħti lill-attur relativament għall-fond nru. 10 mingħajr ma jirrikorru lill-Qorti, li setgħet, fil-każ li kien jidhrilha xieraq, tagħti lill-appaltatur terminu raġjonevoli għall-eżekuzzjoni ta' l-appalt. Il-konvenuti, però, setgħu dejjem, bis-saħħa tad-dispożizzjoni ta' l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, iħollu u jirriżolvu dak l-appalt, taħt il-kondizzjoni hemm imsemmija, jiġifieri li jħallsu lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi fissata mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi, li ma għandhiex però tissupera l-profitt li l-appaltatur seta' rrikava mill-appalt (ara sent. ta' dina l-Qorti tas-27 ta' April 1953, in re "Borg vs. Debono"). Għalhekk it-tieni talba dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni jisthoqqilha, limitatament għall-appalt relativ għall-fond nru. 10 Capuchin Street, Żabbar, tiġi milqugħa, fis-sens li l-konvenuti għandhom iħallsu lill-appellant l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li skond iċ-ċirkustanzi tiġi diskrezzjonalment fissata mill-Qorti, li ma għandhiex tissupera l-profitt li l-appellant seta' irrikava minn dak l-appalt;

Ikkunsidrat;

Illi, billi bl-ewwel domanda, maqtugħa favur l-attur bis-sentenza appellata, il-konvenuti ġew kundannati jħallsulu l-valur tax-xogħol minnu magħmul, jiġifieri l-ispejjeż minnu nkorsi u l-kumpens li ħaqqu għal dak ix-xogħol, it-tieni, domanda għandha tiġi milqugħa limitatament għall-ħlas ta' somma li tiġi diskrezzjonalment fissata mill-Qorti, u li ma għandhiex tissupera l-profitt li l-appellant seta' għamel minn dan l-appalt. Għall-fissazzjoni ta' dina s-somma, billi in parti tiddependi mill-profitt eventwali, huwa spedjenti li tiġi rimessa għall-Ewwel Qorti, li permezz tal-perizja ġa ordnata tista' tagħmel l-indaġini opportuni;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell biss fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-tieni domanda dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni, billi, limitatament għall-appalt relativ għall-fond nru. 10 Capuchin Street, Żabbar, tordna li tiġi likwidata favur

l-attur somma li ma ghandhiex tissupera l-profitt li seta' jaghmel minn dak l-appalt, u li ghandha tigi diskrezzjonalment fissata mill-Ewwel Qorti b'konsiderazzjoni ghac-cirkustanzi kollha tal-kaz — liema somma ghandha tidhol fit-tielet domanda dedotta fl-att tac-citazzjoni. U tichad l-appell ghall-kumplament. U tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi relativi *ghat-tieni domanda migjuba fl-att tac-citazzjoni jithallsu nofs* kull wiehed mill-kontendenti.

---